XGĦAJRA

Minuti tal- laqgħa Nru.34 (Erbgħa u Tletin) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill l- Erbgħa, 13 ta' Ġunju ,2012 fis-4.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| | |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Il-Kunsilliera | Azzopardi Joseph |
| | Buhagiar Mario |
| | Buttigieg Antonia |
| | Decelis M Claire |
| | |
| **L-Uffiċċjali:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati. .

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-laqgħa ta' qabel:

3.1 Is-Sindku qal li l-Water Services Corporation ħarġet stqarrija/Press Release sabiex tinforma lill-pubbliku x'sar fl-impjant u x'qed isir bħalissa sabiex titnaqqas kemm jista' jkun ir-riħa u sabiex l-impjant jaħdem bl-aħjar mod possibbli u li ma jkunx t' inkonvenjenza għall-pubbliku.

3.2 Is-Sindku tkellem fuq Triq San Leonardu u qal li issa t-triq twessgħet minkejja xi problemi li kellna sakemm kienu qegħdin jaħdmu.

3.3 Is-Sur Valvo qal li s-servizz tal-karozza tal-linja issa rega' nbidel. Tbiddlu r-rotot u llum minflok ir-rotta nru. 3 għandna r-rotta nru. 94 li minflok tidħol lejn il-kottonera tibqa' sejra Ħaż-Żabbar u l-Belt dirett. Hemm ukoll servizz Nru 124 minn Ħaz-Zabbar għal Kottonera kull siegħa. Is-servizz Nr 120 għal Mater Dei u lura jibqa kif kien.

3.4 Is-Sindku tkellem fuq il-Management Letter u qal li hu qiegħed jirrispondi flimkien ma' l-Accountant, il-punti mqajjma mill-Awditur. Is-Sur Valvo spejga li numru kbir ta' punti mqajjma mill-Awdituri jikkonċernaw "Accounting Standards" ta' kif għandhom jidhru fil-Financial Statements, u li dawn il-kummenti kienu l-istess kif l-awdituri tal-Kunsilli kollha niżżlu fir-rapporti tagħhom. Minbarra dan kien hemm numru ta' suġġerimenti proċedurali li l-Kunsill qiegħed jieħu inkonsiderazzjoni. Is-Sindku qal li fuq kollox ma kienx hemm noti ta' "Material Weaknesses" u r-riżultat tas-sena 2011 juri surplus żgħir. Ġie deċiż li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jirrispondu l-Management Letter.

3.5 Is-Sur Valvo qal li- l-Performance Appraisal tas-Sur Carmelo Camilleri issa lest u għaddejnieh lid-Dipartiment sabiex japprovawh.

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda – Korrispondenza:-

4.1 Is-Sindku tkellem fuq il-press release tal-WSC u qara kontra stqarrija li l-Kunsill ser joħroġ sabiex juri l-pożizzjoni tal-Kunsill tax-Xgħajra.

4.2 Mobile Post Office– Is-Sindku qal li s-suġġeriment li jkollna posta mobile fix-Xgħajra miexi u qedgħin nistennew risposa mill-Maltapost.

4.3 Is-Sindku qal li kellna diversi lmenti mingħand nies li joqgħodu viċin ta' Smart City minħabba t-trabijiet li kienu qed isofru minħabba li l-kuntrattur ta' Smart City kien qed jikkraxxja l-ġebel biex jagħmlu żrar mingħajr ma jxarrbu w allura joħloq ammont kbir ta' trab. Kienet saret laqgħa mal-kuntrattur u d-Direttur ta' Smart City u ġie deċiż li meta jkun hemm ħafna riħ fid-direzzjoni tax-Xgħajra ma jsirx stone crushing.

XGĦAJRA

5. Item Nru 5 fuq l-aġenda: L-infieq għax-xhar ta' Mejju, 2012 ġie approvat.

6. Item Nru 6 fuq l-aġenda: Proġett – Recreational/Sports Centre

6.1 Is-Sindku qal li l-Proġett tal-Belveder u Recreational Park bħalissa jinsab wieqaf. Għad hemm xogħolijiet li għadhom mhux lesti u li kienu fuq it-tender pero' ma nistgħux inkomplu għaliex it-total tat-tender ġie maqbuż. Għalissa qedgħin nistennew lill-Enemalta japprovaw li minflok culvert madwar il-proġett issir katusa u jgħaddu s-servizzi minnha u b'hekk niffrankaw ħafna spejjeż. Is-Sindku spjega li t-tkomplija tal-Proġett kienet marbuta ma' finanzjament ieħor li suppost irċevejna mill-Ġvern skond skemi ta' finanzjament u li konna ggwidati sabiex napplikaw għalihom u li huma ta' madwar €100,000 imma dawn l-iskemi ġew posposti minħabba awsterita' mill-Ġvern Ċentrali.

Is-Sindku qal li bħalissa għaddej b'taħdidiet mal-Ministru tar-Riżorsi Rurali sabiex naraw il-possibilta' li l-Ministeru jiffinanzja l-fence adegwat ta' madwar il-proġett li ser jiswa madwar €10,000.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Is-Sindku qal li l-attivita' ġewwa Għawdex kienet interessanti w informattiva ħafna u kulħadd ħa pjaċir.

.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

.

8.1 Landscaping madwar l-impjant ta' Barkat – Is-Sindku qal li dan il-landscaping għadna nistennew l-apporvazzjoni tal-MEPA sabiex joħroġ il-permess. Is-Sindku kompla u qal li sa l-aħħar tal-ġimgħa d-dieħla għandha ssir l-aħħar laqgħa mas-Sur Mark Sant tal-Mepa.

8.2 Is-Sur Valvo qal li qiegħed ikollu kuntatt mal-MEPA rigward d-dumping tal-barge fil-baħar li qiegħed jintrema' mhux fil-post fejn suppost u aktar viċin lejn ix-Xgħajra

propjament faċċata ta’ Triq il-Fortizza tal-Grazzja meta dan kien fil-passat jintrema ‘ l-barra faċċata ta’ Wied Għammiew qabel id-daħla tal-port. Is-Sindku qal li huwa ta’ sikwiet jilmenta fuq dan mal-Mepa u mad-Direttur tal-Portijiet u l-awtorita’ marittima.

8.3 Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ qalet li bħalissa għandna problema kbira bil-knis u l-ħaxix ta’ mal-bankini. Apparti hekk hemm ukoll ħaxix madwar il-fortizza u madwar il-grawnd. Ġie deċiż li jinġabru xi stimi tax-xogħol sabiex nagħmluh qabel jaqbad.

8.4 Is-Sindku qal li fil-Fort Park għandna ħitan tas-sejjiegħ li qiegħed jaqa’ kollu u għalhekk għandna nbqabbdu l-ħaddiema tagħna sabiex jagħmlu t-tiswijiet meħtieġa.

9. Item Nru 9 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

9.1 ATM- Is-Sindku qal li fuq l-ATM ipproponejna l-banek kollha lokali u s’issa wrew interess l-APS u ser niltaqagħu magħhom il-ġimgħa d-dieħla.

,

9.2 Is-Sindku qal li tkellem mal-Prim Ministru fuq l-iskemi li applikajna għalihom din is-sena u ta’ qabel u li għadna ma smajna xejn iktar fuqhom. Is-Sindku qal li kitiblu l-concerns tagħna u spjegalu li l-Proġett huwa l-unika post fejn ir-residenti jistgħu jieħdu nifs, u rikreazzjoni. Hu kompla u qal li rċieva risposta mingħand is- Sur Charles Bonello li huwa s-Segretarju Privat tal-PM xi ġimgħa u nofs ilu li

qiegħed jieħu ħsieb din l-issue. Nistgħu natuh ftit aktar ċans sabiex naraw xi żvilupp ikun hemm.

9.3 Kien hemm proposta li ssir ħadida bħala barrier kif iddur minn Triq il-Knisja għal ġo Tiq San Gakbu.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

9.4 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mad-Direttur General ta' l-MRRA , is-Sur Ray Farrugia u ġie miftiehem li f'Dawret ix-Xatt isir xogħol ta' manutenzjoni tar-railing, fanali u bankijiet.

10. Item Nru 10 fuq l-Aġenda - Aġġornament

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal-Erbgħa 18ta' Lulju fis-6.00pm. Is-Sindku stieden lill-membri tal-Kunsill sabiex jattendu għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' li nżammet eżatt wara l-Laqgħa tal-Kunsill.

____________________________ _________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

XGĦAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt